

Brussell, 13 ta' Diċembru 2018
(OR. en)

15287/18

ENV 868
MI 959
DELECT 174

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru dok. Cion:	14563/18 + ADD 1 - C(2018) 7507 final + Annex
Suġġett:	Direttiva Delegata tal-Kummissjoni (UE) .../... ta' 16.11.2018 li temenda, għall-finijiet ta' adattament għall-progress xjentifiku u tekniku, l-Anness III tad-Direttiva 2011/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' eżenzjoni għaċ-ċomb u l-kadmju fil-linka tal-istampar għall-applikazzjoni ta' enameli fuq il-ħġieġ - Intenzjoni li ma jitqajmux oġġezzjonijiet għal att delegat

1. Il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill l-att delegat imsemmi hawn fuq¹ f'konformità mal-proċedura li tinsab fl-Artikolu 290 TFUE u b'mod partikolari mal-Artikolu 5(1)(a) tad-Direttiva 2011/65/UE dwar ir-restrizzjoni tal-użu ta' ċerti sustanzi perikolużi fit-tagħmir elettriku u elettroniku². Peress li l-Kummissjoni ħarġet notifika dwar l-att delegat fid-19 ta' Novembru 2018, il-Kunsill jista' joġġezzjona għalih sal-21 ta' Jannar 2019.

¹ Dok. 14563/18 + ADD 1.

² ĠU L 174, 1.7.2011, p. 88.

2. Il-Grupp ta' Ħidma dwar l-Ambjent eżamina l-att delegat permezz ta' proċedura informali bil-miktub u qabel li ma hemm ebda raġuni biex il-Kunsill joġġezzjona għalih.
3. Għalhekk huwa ssuġġerit li l-Coreper jirrakkomanda li l-Kunsill jikkonferma li ma għandu ebda intenzjoni li joġġezzjona għall-att delegat u li l-Kummissjoni u l-Parlament Ewropew għandhom jiġu mgħarrfa b'dan. Dan jimplika li, dment li l-Parlament Ewropew ma joġġezzjonax għalih, l-att delegat għandu jiġi ppubblikat u jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* f'konformità mal-Artikolu 3 tad-Direttiva Delegata.
